# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016

**Talba Nru: 173/2016/VG**

**Emanuel AXISA [K.I. Nru. 0208166M]**

**vs**

**Cheryl SANT**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fid-9 ta' Mejju, 2016** u li permezz taghha talab lill-intimata thalsu s-somma ta' elf mija u tmenin euro [€1180] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-attur sofra danni meta huwa kellu l-vettura pparkjata fi Triq il-Qaliet M'Scala meta Cheryl Sant baqghet diehla bil-vettura XER093 gewwa l-vettura ta' l-attur targata BBF281.
>
> Illi dan l-incident stradali li sar nhar is-17 ta' Ottubru 2015 sar bi traskuragni tal-konvenuta.

> Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont ta' danni baqghet inadempjenti".

**Ra r-rikors imressaq mill-intimata fil-31 ta' Mejju, 2016** u li permezz taghha hija talbet sabiex dan it-Tribunal "*joghgbu jwaqqaf dawn il-proceduri stante illi huwa m'ghandux kompetenza rationae materie ai termini tal-Artikoli 15(3) u 15(11) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-kondizzjonijiet kollha illi dan l-Onor Tribunal joghgbu jimponi*" u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw incident awtomobilistiku kkawzat minn sewqan ta' vetturi, u skond il-Ligi senjatament Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta u skond gurisprudenza kostanti dan l-Onor. Tribunal m'ghandux il-gurisdizzjoni u l-kompetenza ratione materie sabiex jisma dan il-kaz.
>
> 2. Illi jsegwi, illi c-Centru Malti ghall-Arbitragg huwa l-forum fejn din il-kawza ghandha tigi mismugha u deciza;
>
> 3. Illi, permezz ta' dan ir-rikors l-esponenti qieghda titlob sabiex dan l-Onor. Tribunal joghgbu jwaqqaf dawn il-proceduri stante nuqqas ta' kompetenza u dan ai termini tal-artikoli 15(3) u 15(11) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta. L-esponenti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imh. Joseph Zammit McKeon Citazzjoni Numru 364/2013 fl-ismijiet Mario Vella et vs Malta Industrial Parks Limited"

Ra d-digriet datat 14 ta' Gunju, 2016 fejn it-Tribunal ordna li jigi notifikat bir-rikors ir-rikorrenti bi zmien hmistax-il gurnata ghar-risposta.

Ra li r-rikors datat 31 ta' Mejju, 2016 u d-digriet datat 14 ta' Gunju, 2016 gie notifikat lid-difensur tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Grazziela

Attard fl-24 ta' Gunju, 2016 billi kopja ta' l-istess rikors u digriet thallew f'idejn il-prokuratur legali Daniel Aquilina.

Ra li fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2016 l-Avukat Dottor Carina Nagiah ghall-intimata irrimettiet ruhha ghal atti.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €1180 minghand l-intimata rapprezentanti danni meta l-intimata baqghet diehla bil-vettura taghha bil-pjanca ta' registrazzjoni XER-093 gewwa l-vettura tieghu bil-pjanca ta' registrazzjoni BBF-281 waqt li din kienet ipparkjata fi Triq il-Qaliet, Marsascala.

2. L-intimata permezz ta' rikors datat 31 ta' Mejju, 2016 talbet lit-Tribunal sabiex iwaqqaf dawn il-proceduri stante illi huwa m'ghandux kompetenza rationae materie ai termini tal-Artikoli 15(3) u 15(11) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta. In sostenn ta' din it-talba taghha, l-intimata ghamlet referenza ghas-sentenza deciza mill-Onorevoli Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il-30 ta' Settembru, 2014 fl-ismijiet Mario Vella et vs Malta Industrial Parks Limited (Cit. Nru. 364/2013/JZM). Min din l-ahhar decizjoni kien sar appell, liema appell gie deciz fis-26 ta' Gunju, 2015.

3. Dan id-digriet huwa limitat ghat-talba tal-intimata maghmula bir-rikors datat 31 ta' Mejju, 2016.

Ikkunsidra;

4. Illi l-artikolu 15 (3) tal-Kap. 387 jaqra hekk:

*(3) Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.*

5. A skans ta' ripetizzjonijiet it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Pule vs Automated Revenue Management Services Limited** deciza nhar il-25 ta' Mejju, 2016 u ghal dak li jinghad fiha, u li huwa jaqbel pjenament mal-konkluzzjonijiet hemm milhuqa. F'dik is-sentenza inghad li:

"*i. L-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 japplika fejn hemm ftehim ta' arbitragg. Il-kaz in ezami jitratta dwar arbitragg mandatorju. Fil-fehma talqorti ladarba hi l-ligi stess li tistipula li t-tilwimiet li jissemmew fir-Raba' Skeda tal-Att huma soggetti ghal arbitragg mandatorju, il-partijiet m'ghandhomx ghazla fejn jirreferu t-tilwimiet. Jekk il-qorti taddotta rragunament tat-Tribunal, ikun ifisser li per ezempju l-partijiet jistghu jiftehmu li t-tilwima li taqa' taht ir-Raba' Skeda ma tkunx soggetta ghall-arbitragg mandatorju u minflok tigi riferuta quddiem qorti jew tribunal. Din ma tidhirx li kienet l-intenzjoni tal-legislatur. Hu veru li fil- Kap. 387 m'hemmx definizzjoni tal-kliem "arbitragg mandatorju", pero l-qorti ma tara l-ebda htiega ghaliha. Il-kelma "mandatorju" fiha nnifisha tfisser li l-partijiet m'ghandhomx ghazla. Ghall-qorti hu llogiku li l-ligi timponi arbitragg mandatorju fil-kaz tat-tilwimiet li jissemmew fir-Raba' Skeda, u mbaghad ghaliex il-konvenut ma jipprezentax rikors ai termini tal-Artikolu 15(3) il-qorti jkollha l-kompetenza biex tisma' u tiddeciedi dwar it-tilwima. It-Tribunal ghamel riferenza ghall-Artikolu 15(11) tal-Kap. 387 li jipprovdi:*

*"B'zieda ma' dawk imsemmija b'kull ligi ohra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soggetti ghal arbitragg mandatorju u f'dawk il-kazijiet il-partijiet ghandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitragg ma' dawk it-tilwimiet."*

*Madankollu l-kliem "il-partijiet ghandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitragg", ma jbiddel xejn mill-fatt li l-arbitragg hu mandatorju u ghalhekk m'huwiex soggett ghad-deroga b'kunsens talpartijiet*

*jew b'rizultat ta' omissjoni ta' parti milli taghmel ir-rikors kontemplat fl-Artikolu 15(3) tal-Kap. 12. L-ghan wara l-arbitragg mandatorju kien proprju sabiex certu kawzi ma jibqghux jinstemghu mill-qrati u tribunal, u m'hemmx dubju li fil-kazijiet kontemplati firRaba' Skeda l-legislatur nehha d-dritt tal-ghazla ta' kull parti dwar ilforum fejn ghandha tirreferi tilwima. L-introduzzjoni tal-arbitragg mandatorju bl-Att IX tal-2004 nehha l-kompetenza tal-qrati u tribunali f'dawk it-tilwimiet li jissemmew fir-Raba Skeda tal-Kap. 387*".

6. Imbaghad, b'referenza ghas-sentenza citata mill-intimata **Mario Vella et vs Malta Industrial Parks Limited** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru, 2014, dik l-istess Onorabbli Qorti fil-kawza hawn fuq citata **Alfred Pule vs Automated Revenue Management Services Limited** qalet hekk:

"*F'kull kaz, din il-qorti ma taqbilx ma' dak li qalet il-Prim'Awla fis-sentenza fuq imsemmija. F'dan ir-rigward fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-14 ta' Gunju 2012 fil-kawza **Zamsul Contractors Limited vs Pharmacare Premium Limited**, il-gudikant sottofirmat diga' kellu l-opportunita' jikkunsidra jekk in-nuqqas ta' prezentata tar-rikors skond l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 378 huwiex fatali ghall-konvenut li ma jipprezentax ir-rikors u fit-twegiba guramentata jinvoka l-klawzola arbitrali. Il-konkluzjoni kienet li l-fatt li l-konvenut ma jipprezentax irrikors kontemplat fl-Artikolu 15(3), ma jippregudikax id-dritt tieghu li fit-twegiba guramentata jinvoka klawzola arbitrali. Fis-sentenza **Mario Vella vs Malta Industrial Parks Limited** m'hemm xejn li jwassal lis-sottofirmat li jibdel ir-ragunament li ghamel fis-sentenza **Zamsul Contractors Limited vs Pharmacare Premium Limited**. Dan apparti li l-qorti ma tarax kif konvenut jista' jitqies li rrinunzja li jinvoka l-klawzola arbitrali mis-semplici fatt li ma pprezentax ir-rikors kontemplat fl-Artikolu 15(3), meta:*

*(i) m'hemmx disposizzjoni li tipprovdi li fin-nuqqas li l-konvenut jipprezenta r-rikors jitqies li rrinunzja ghad-dritt li jinvoka lklawzola arbitrali; u*

*(ii) fl-ewwel att gudizzjarju li jipprezenta bid-difiza tieghu, jargumenta li l-qorti ghandha tissoprassjedi meta din il-materja giet sollevata fl-ewwel att gudizzjarju li pprezenta fid-difiza tieghu*".

7. Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, qieghed jichad ir-rikors datat 31 ta' Mejju, 2016 u konsegwentement jaghti lill-intimata tmintax (18)-il gurnata mill-qari ta' dan id-digriet fil-miftuh sabiex hija tressaq l-eccezzjonijiet taghha dwar din it-talba, inkluz jekk ikun jidhrilha l-kaz dwar il-kwistjoni tal-kompetenza tieghu. It-Tribunal qieghed jaghmilha cara li huwa ma huwiex jiddeciedi dwar il-kwistjoni tal-kompetenza o meno tieghu u qieghed jirriserva d-dritt li jqajjem huwa stess, kif trid il-ligi, din il-kwistjoni.

L-ispejjez ta' dan ir-rikors ghandhom ikunu a karigu ta' l-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**